**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 536/02AE**

**Forestals (Appliances) Ltd**

**Vs**

**Sean Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tletin lira Maltija (Lm130), prezz ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-atti fid-9 ta' Marzu 2002, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-Avukat Dr. Tanya Sammut in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u tletin lira Maltija (Lm130) kif fuq spjegat, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**